**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Citazzjoni Numru: 1261/00

Anthony Sammut

vs

Kap Kmandant Forzi Armati ta' Malta, il-Prim Ministru, u Ministru tal-Intern

Illum 18 ta` Gunju, 2002.

It-Tribunal,

**CITAZZJONI**

Ra c-citazzjoni li permezz taghha l-Kap Kmandant Forzi Armati ta' Malta, il-Prim Ministru, u Ministru tal-Intern ippremettew illi b'decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji tal-5 ta' Lulju 2000 fir-rikors 414/97 fl-ismijiet "Anthony Sammut vs Kap Kmandant Forzi Armati ta' Malta et" it-Tribunal sab li l-ilment ta'

Anthony Sammut gustifikat u peress illi t-Tribunal ma setax jordna rimedju kumpensattiv, it-Tribunal irrakomanda li jsir kumpens ta' Lm2,500.

Peress illi din id-decizjoni giet ibbazata fuq il-parti tas-sentenza fejn intqal hekk

"izda Mallia Carmel kellu certament anqas kwalifiki mir-rikorrenti. Hawn jirrizultaw cari l-elementi ta' l-ingustizzja msemmija fl-att ………….."

Peress illi minn ezami ta' l-atti tal-kawza u partikolarment tad-dkument li gie esebit mill-Lieutenant Colonel Mario Schembri li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness, liema dokument huwa ntitolat *promotions with effect from 20th January 1992*, jirrizulta li Anthony Sammut kellu *Class 3 Education* u zewg *trades* ta' grad B3 u *trade* wahda ta' grad A3.

Peress illi fir-rigward ta' Carmel Mallia jirrizulta li huwa wkoll kellu *Class 3 Education* izda fir-rigward tat-*trades* huwa kellu *trade* A2.

Peress illi t-*trade* A2 ta' Mallia huwa superjuri ghal *grades* ta' Sammut u ghalhekk din is-sentenza giet ibbazata fuq zball li rrizulta mill-process u d-dokumenti esebiti fl-istess kawza.

Peress illi inoltre l-imsemmija decizjoni giet ibbazata fuq dikjarazzjoni li fil-fatt ma tirrizultax u dan l-aspett kien wiehed

determinanti ghas-sentenza u ghalhekk l-atturi huma ntitolati jitolbu li l-kaz jigi ritrattat a tenur ta' l-Artikolu 811 (L) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant saret talba sabiex il-konvenut jghid ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux:

1. Jhassar u jirrevoka d-decizjoni moghtija mit-Tribunal ghal-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji fir-rikors 414/97 fl-ismijiet Anthony Sammut vs Kap Kmandant Forzi Armati ta' Malta et, tal-5 ta' Lulju 2000, billi din id-decizjoni tmur kontra d-disposizzjoni ta' l-Artiklu 811 (L) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna li r-rikors jigi trattat mill-gdid u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhru xierqa u opportuni skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra Anthony Sammut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

**ECCEZZJONIJIET**

Illi Anthony Sammut eccepixxa li:

1. Primarjament huwa ma awtorizza lil hadd b'mod partikolari lil Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, il-Prim Ministru ta' Malta jew lil Ministru ta' l-Intern, sabiex jitlob ritratazzjoni tal-

kawza fl-ismijiet, "Anthony Sammut vs Kap Kmandant Forzi Armati ta' Malta, il-Prim Ministru u l-Ministru ta' l-Intern" (citaz. Nru 1261/00) u ghaldaqstant bhala attur, fil-kawza fl-ismijiet premessi jissolleva n-nullita' stante illi huwa fl-ebda hin ma kien nieqes minn dawn il-gzejjer u ma awtorizza lil had sabiex jintavola l-istess.

2. Sekondarjament, u minghajr pregudizzju, jirrizerva li jressaq dawk l-eccezzjonijiet, jekk ikun il-kaz, fi stadju ulterjuri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi sfortunatament f'dan il-kaz hemm hafna punti x'wiehed jikkunsidra izda li forsi ma gewx applikati l-proceduri propriji. Dan hu dovut ghall-fatt li minhabba li hemm procedura differenti quddiem it-Tribunal hemm xi aspetti li ma hemmx ligi daqshekk cara fuqhom u anke forsi xi gurisprudenza li ma taghtix dan l-insenjament daqshekk car daqs kemm hu desiderabbli.

L-ewwel eccezzjoni moghtija mill-Onor Prim Ministru u l-Ministru tal-Intern prezentata fid-29 ta' Settembru, 1997 kienet li huma ma humiex il-legittimi kontradittturi. Din l-eccezzjoni giet milqugha mit-Tribunal fis-sentenza tal-5 ta' Lulju, 2000 wara li t-Tribunal qies l-artikolu 181B fejn it-Tribunal laqa din l-eccezzjoni u

lliberahom mill-osservanza tal-gudizzju. Mela allura dawn zgur li lanqas biss qatt setghu jitolbu ritrattazzjoni u fil-konfront taghhom it-talba bil-fors li trid tkun michuda.

Il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati xtaq li tintuza l-procedura tar-ritrattazzjoni. U hawn johorgu kwantita' ta' domandi. F'liema qorti suppost issir ir-ritrattazzjoni. U hawn ir-risposta tohrog cara hafna ghax permezz tal-artikolu 15 tal-Kap 394 huwa applikabbli l-Kap 12. Dan jsemmi fl-artikolu 814 li t-talba ghar-ritrattazzjoni ghandha ssir quddiem il-Qorti li tkun tat is-sentenza attakkata, u jistghu joqghodu fiha l-istess Imhallfin jew Magistrati. Dan ifisser li ghandha ssir quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji. Kienet tkun domanda akademikament helwa li kieku in virtu' tal-artikolu 3 (2) tal-Kap 394 il-President kellu ma jkun Imhallef jew Magistrat.

L-artikolu 815 tal-Kap 12 jsemmi li fil-qrati superjuri u fil-qrati inferjuri, talba ghar-ritrattazzjoni f'qorti tal-ewwel grad ssir b'citazzjoni, u quddiem il-qorti fi grad ta' appell, b'rikors. Issa it-Tribunal x'ghandu jitqies? Certament mhux qorti fi grad ta' appell izda fl-istess hin mhux wiehed li minnu jista' jsir appell bhal fil-Prim Awla. Il-ligi taghmel distinzjoni cara dwar meta tista' ssir ritrattazzjoni. Issemma li f'kaz ta' sentenza moghtija minn qorti ta' l-ewwel grad li ghaddiet f'gudikat tista' tinghata wkoll basta li l-parti tkun giet taf bil-fatti li minhabba fihom tintalab ir-ritrattazzjoni, wara li jkun ghalaq iz-zmien tal-appell. Fl-artikolu 811 pero' ma hemmx dan izda lista shiha – (a) sa (l) ta'

possibiltajiet u dan f'kawza moghtija fi grad ta' appell. Dan ifisser li l-procedura ghar-ritrattazzjoni minn kawza quddiem it-Tribunal hija dik permezz tar-rikors u mhux bic-citazzjoni. Ta' min jinnota li pero' kien hemm kazijiet fejn quddiem diversi gudikanti li ghamlu ritrattazzjonijiet tat-Tribunal gew applikati proceduri differenti. Kif presjedut dan it-Tribunal hu tal-fehma li ghalkemm hu desiderabbli li l-procedura tkun dik tar-rikors, xorta wahda pero' essendo li hemm il-problemi fuq imsemmija, u li dan hu Tribunal fejn hemm ghalhekk element anqas formalistiku, wiehed ma ghandux ifettaq iz-zejjed u jaccetta ritrattazzjoni anke bic-citazzjoni. Ghalhekk taht dan l-aspett il-procedura wzata mill-Kap Kmandant tal-Forzi Armati qedgha titqies tajba.

Issa fl-eccezzjonijiet moghtija gie sollevat li Anthony Sammut ma setghex kien l-attur u fil-fatt ma inkariga lill-hadd; li ma kienx imsiefer, li l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ma seta qatt ikun f'dan il-kaz il-konvenut. Hawn it-Tribunal qieghed jaghmilha cara li dak li qieghed jghid hu applikabbli biss ghall-proceduri ghar-ritrattazzjoni minn decizjonijiet tat-Tribunal. Fil-fehma tat-Tribunal ghalkemm hawn ukoll kien desiderabbli li ma tintuzax il-procedura li giet applikata, xorta wahda fejn ma hemmx applikazzjoni daqshekk rigoruza ta' formalita' f'kaz ta' Tribunal, ghandu jkun accettabbli li wiehed jikkunsidra li l-proceduri wzati mill-Kap Kmandant bhala validi.

Issa l-Kap Kmandant ibbaza r-ritrattazzjoni fuq l-artikolu 811 (l) ossija "jekk is-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti jew

mid-dokumenti tal-kawza…li d-decizzjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt…" L-argument tal-Kap Kmandant kien li d-decizjoni kienet ibbazata fuq li t-Tribunal qies li Mallia Carmel kellu certament anqas kwalifiki mir-rikorrent meta skond il-Kap Kmandant il-fatti mhux hekk ghax Mallia kien superjuri fil-grades.

Hawn wiehed biex jara hux applikabbli l-artikolu 811 (l) irid iqis l-artikolu kollu u s-sentenza kollha inkluz l-ispirtu tal-istess sentenza. Ta min jghid li t-Tribunal ma kienx generuz b'mod specjali fil-konfront ta' Sammut ghax kien accetta l-argument tal-Kap Kmandant li fl-1988 dawk li kienu qabzu lir-rikorrent kienu jew aktar kwalifikati minnu jew kienu fit-Task Force waqt li hu kien stazzjonat fl-AFM Depot. Meta t-Tribunal qies ic-cirkostanzi kollha tal-promozzjonijiet tal-1992 qies l-aspetti kollha tal-kaz. Qis dak li qal u xehed ir-rikorrent kif ukoll dak kollu li qalu x-xhieda. It-Tribunal ma joqghodx jikkwota d-deposizzjonijiet bhala xi passatemp izda ghax iqis li dawn ghandhom l-importanza taghhom u jistghu f'xi kazijiet ikunu ta' importanza. Barra minn dawn it-Tribunal kien qies ukoll l-Army Certficate of Education u l-grad tieghu, u rakkomandazzjonijiet, kif ukoll it-Trades u dawn kemm bhala kwalita', kwantita' u xi kull tant kemm ikunu idoneji ghall-vakanzi li qedghin jimlew. Kien qies li Sammut Alfred kien tal-istess livell tar-rikorrent Sammut li kien senior tieghu. It-Tribunal semma li Mallia Carmel kellu certament anqas kwalifiki mir-rikorrent haga li l-Kap Kmandant ma jaqbilx maghha. Jinghad li

Mallia kien tnax-il posizzjoni wara Sammut; is-servizz ta' Sammut beda fl-1955 waqt li ta' Mallia mill-1976 (u cioe' 21 sena aktar esperjenza); it-tnejn kellhom ACE3; it-tnejn ma kellhomx il-Cadre Course; Sammut kellu bhala Trades CENG B3, FTR(M) A3, STM(T) B3 waqt li Mallia kellu Trade wahda li kienet ta' grad superjuri u cioe' BLT A2.

Dan fil-fehma tat-Tribunal certament ma jissodisfax ir-rekwizit taht l-artikolu 811 (l) u cioe' li s-sentenza kienet effett ta' zball u cioe' li s-sentenza kienet ibbazata fuq supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tieghu tkun bla ebda dubbju eskluza. Dan ma hux minnu. Il-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal huma kif issemma fis-sentenza u kif rega gie spjegat fuq.

Ghal dawn il-motivi jichad it-talba tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ghar-ritrattazzjoni peress li ma hemmx l-elementi rikjesti fl-artikolu 811 (l).

Spejjez kontra l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati.